MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2011

Numru. 423/2008

**Il-Pulizija**
**(Supt. Norbert Ciappara)**

**vs.**

**Esron Pullicino**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Esron Pullicino ta' 17-il sena, iben Raymond u Lucia nee Muscat, imwieled Pieta nhar is-16 ta' Jannar 1989, u residenti 77, Triq l-Attakk tal-Francizi, Zabbar, detentur tal-karta ta' l-identita 47989 (M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn il-25 u 26 ta' Frar 2006 u matul it-tlett xhur ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstacy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretindent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-

disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 ta' l-1985 kif emendati.

Akkuzat ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn il-25 u 26 ta' Frar 2006 u matul it-tlett xhur ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-12 t'April 2011 li fiha iddikjarat li gie lez id-dritt ta' l-imputat ghal smiegh xieraq kif sancit fl-Artikolu 6(3)(c) konguntivament mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, stante illi il-ligi Maltija ma kienitx tippermetti access ghal avukat meta saret l-interrogazzjoni ta' l-imputat u meta irrilaxxa stqarrija. Il-Qorti Kostituzzjonali ordnat *"li l-proceduri kontra Esron Pullicino jitkomplew konformament ma' dak hawn deciz, u kopja ta' din id-decizjoni tintbaghat lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, li quddiemha qed jitmexxa l-kaz ghall-prosegwiment skont il-ligi."*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti moghti illum fis-7 t'Ottubru 2011 fejn iddikjarat illi r-rimedju li ghandu jinghata ghal ksur ta' smiegh xieraq ta' l-imputat: "*huwa propju dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha* ***Pulizija v. Alvin Privitera*** *deciza har il-11 ta' April 2011, u li kienet titratta kaz prattikament identiku ghal dak odjern. ... ... F'dik is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet li din il-Qorti ghandha "tevalwa l-validita u l-ammissibilita tal-provi migjuba quddiemha" fid-dawl tal-konkluzjonijiet tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ifisser li l-atti tal-kawza odjerna ghandhom*

*jibqghu intatti, pero meta din il-Qorti tasal biex taghti s-sentenza ghandha tixtarr il-provi migjuba quddiemha sabiex tassigura li l-htija jew l-innocenza ta' l-imputat tigi esklussivament stabbilita minn provi mhux inkwinati minhabba li jilledu d-dritt ta' smiegh xieraq, u li l-istqarrija de quo ma jkollha l-ebda influwenza, diretta jew indiretta, fuq l-ezitu ta' dawn il-proceduri kriminali."*

Ikkunsidrat:

Fid-decizjoni taghha tat-12 ta' April 2011, il-Qorti Kostituzzjonali irrilevat illi *"fil-kaz in ezami m'hemmx kontestazzjoni li l-uniku prova li ghandu l-prosekuzzjoni kontra l-appellat hija l-istqarrija tieghu li hu irrilaxxa lill-pulizija meta hu ma kienx assistit minn avukat".* Din id-dikjarazzjoni saret ukoll mill-prosekuzzjoni quddiem din il-Qorti, diversament preseduta, fis-6 ta' Novembru 2009.

Ghal ragunijiet moghtija iktar 'l fuq, din l-istqarrija ma jista' jkollha l-ebda influwenza diretta jew indiretta fuq l-esitu ta' dawn il-proceduri kriminali ghaliex ttiehdet bi ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq tal-imputat u ghalhekk qed tigi skartata minn din il-Qorti.

Illi ma hemm l-ebda provi ohra kontra l-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 u ir-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22/1985, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 issib lill-imputat mhux hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------